**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAĠISTRAT DR.  JOSEPH GATT LL.D.**

**Rikors Nru: 325/2023**

**Mary Lourdes Cilia Scapellato (K.I. 338042M) u permezz ta' digriet tat-18 ta' Novembru 2024, l-atti ġew trasfuzi f'isem Francesca Scapellato u Vincenzo Scapellato**

**vs**

**Georgia Sammut (K.I. 436934M) u l-Awtoritá tad-Djar bħala intervenut *in statu et terminis ex lege***

**Illum, it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025;**

**Il-Bord;**

1. Ra dak li seħħ fis-seduta tas-7 ta' April 2025[1] fejn dan il-Bord kien ħalla dawn il-proċeduri *sine die*, għar-raġunijiet hemm mogħtija.

2. Iqis li skond l-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2], proċeduri hekk differiti *sine die* għandhom jitqiesu bħala deżerti sakemm ma jiġux appuntati mill-ġdid bil-mod kif trid il-liġi u fiż-żmien hemm

[1] A fol 209 tal-proċess.
[2] Reż applikabbli hawn bis-saħħa tal-artikolu 20(1) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

indikat[3].

3. Ra li bl-emendi magħmula bl-Att XXXII tal-2021, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2021 permezz tal-Avviż Legali 315 tal-2021, it-terminu perentorju[4] indikat fl-artikolu rilevanti ġie mnaqqas minn sitt xhur għal tliet xhur.

4. Ra li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li sar xi rikors appożitu b'talba kif trid il-liġi, fi żmien tliet xhur mis-seduta tas-7 ta' April 2025[5].

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord qiegħed jiddikjara din il-kawża bħala li marret deżerta u b'hekk jordna t-tħassir tagħha minn fuq il-lista tiegħu.**

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[3] Dwar dan, il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edith Cachia et vs Mary Grech,** (Rik Nru: 349/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-1 ta' Frar 2022.
[4] Issir referenza għall-provvediment fil-proċeduri fl-ismijiet **Francis Zammit *noe* vs Almeco Limited,** (Rik Nru: 189/2008) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' April 2013.
[5] Artikolu 967 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.